

Brussell, 7 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15563/17

SOC 802
EMPL 613
ECOFIN 1106
SAN 460
EDUC 451

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14636/17
Suġġett:	Tisħiħ tal-Appoġġ u l-Kura Bbażati fil-Komunità għal Għajxien Indipendenti - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tisħiħ tal-Appoġġ u l-Kura Bbażati fil-Komunità għal Għajxien Indipendenti, adottati mill-Kunsill EPSCO fit-3569 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2017.

Tisħiħ tal-Appoġġ u l-Kura Bbażati fil-Komunità¹ għal Għajxien Indipendenti
Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JINNOTA LI

1. Il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi u ħarsien soċjali huma għanijiet tal-Unjoni Ewropea mħaddna fit-Trattati. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprevedi wkoll li l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri, meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, għandhom jirrispettaw id-drittijiet personali, ċiviċi, politiċi, ekonomiċi u soċjali;
2. L-Unjoni Ewropea mhijiex biss unjoni tal-Istati Membri tagħha, iżda unjoni tal-popli tagħhom. Il-bnedmin kollha jitwiellu ugwali fid-dinjità u d-drittijiet, u kull haġja hija ta' valur indaqs. Persuni li qegħdin jiffaċċjaw sfidi, diffikultajiet u żvantaġġi partikolari għandhom jingħataw l-opportunità li jgawdu u jibbenefikaw minn appoġġ ibbażat fuq il-ħtiġijiet li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Li tgħin lil individwi jwettqu l-potenzjal tagħhom sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem attiv fil-haġja soċjali u ekonomika jinvolvi appoġġ għall-persuni f'punti kritiċi matul haġjithom;
3. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha hađu impenn viżibbli li jħarsu d-drittijiet tal-persuni vulnerabbli u jtejbu l-għajxien indipendenti u l-involviment tal-komunità, inkluż billi jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li tirrikonoxxi d-dritt ugwali tal-persuni kollha b'diżabbiltà li jgħixu b'mod indipendenti u li jiġu inklużi fil-komunità, b'għażliet ugwali daqs persuni oħra;

¹ Fil-kuntest ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, it-terminu "ibbażat fil-komunità" għandu jiġi interpretat fl-ispirtu tal-Linji Gwida Komuni Ewropej dwar it-Transizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità.

FILWAQT LI JENFASIZZA LI

4. Il-ġejjieni tal-politika soċjali u tax-xogħol Ewropea huwa b'mod partikolari msawwar u milqut minn tendenzi demografiċi, id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, il-veloċità u l-ambitu tal-bidliet fid-dinja tax-xogħol u kriżijiet varji;
5. Il-valuri Ewropej komuni tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem iridu jiggwidaw lis-soċjetajiet tagħna, jiformaw parti mill-iżvilupp kontinwu tal-mudelli soċjali u strutturi ta' appoġġ li huma adattati għas-seklu 21. L-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-UE, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fil-livelli kollha, skont il-kompetenzi tagħhom, jaqsmu r-responsabbiltà għal ħidma lejn Ewropa aktar prospera u ġusta, li fiha l-iżviluppi ekonomiċi u soċjali jmorru id f'id;
6. Filwaqt li r-responsabbiltà legali u l-kompetenza għall-politika soċjali hija prinċipalment f'idejn l-Istati Membri u filwaqt li l-implimentazzjoni ta' riformi adegwati tas-sistemi tal-kura jeħtieġ li jseħħ fil-livell nazzjonali, diskussjoni aktar mifruxa fil-livell tal-UE fil-qafas tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni tista' tagħmel kontribut sod għall-iżvilupp ta' approċċi komuni. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jesprimi diversi prinċipji u drittijiet ewlenin, inkluż id-dritt għal kura fit-tul bi prezz raġonevoli u ta' kwalità, jappoġġa din il-linja;
7. L-iżvilupp b'suċċess ta' stat soċjali jeħtieġ interazzjoni intelliġenti bejn il-politika soċjali u dik ekonomika, il-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, u l-investiment fil-kapital uman u fl-ambjent tax-xogħol u tal-għixien. Miljuni ta' nies għadhom ma jistgħux jilhqqu l-potenzjal tagħhom minħabba restrizzjonijiet personali, soċjali u istituzzjonali, li jista' jagħmilha aktar diffiċli biex in-nies jgħixu ħajja indipendenti. Minbarra li jipprovdu protezzjoni finanzjarja adatta kontra riskji soċjali ewlenin, il-politiki għandhom jiffukaw fuq l-adozzjoni ta' miżuri biex itejbu l-attivazzjoni u l-għoti ta' setgħa lil nies ta' kull età, minn tfal għal persuni aktar anzjani;

8. L-għażla ta' fejn tittieħed il-kura għandha tkun deċiżjoni awtonoma tal-individwu li għandha tiġi rispettata. Bidla fil-ħsieb hija meħtieġa biex tiżgura aktar rikonossiment tal-prinċipju li kulħadd għandu d-dritt li jgħix b'mod indipendenti fi ħdan il-komunità tiegħu, li jieħu sehem attiv fis-soċjetà u li jieħu sehem f'deċiżjonijiet li jolqtu ħajtu. F'dan il-kuntest, l-opportunitajiet ta' xogħol għal persuni b'diżabilità u ħaddiema aktar anzjani jaqdu rwol vitali biex jiżguraw li kulħadd jista' jilħaq il-potenzjal tiegħu;
9. Għalkemm għad hemm għadd kbir ta' istituzzjonijiet residenzjali segregati madwar l-Unjoni, hemm ċaqliq ċar u sinifikanti lejn appoġġ u għażliet ta' kura bbażati fil-komunità fl-Istati Membri. Madankollu, huwa evidenti li l-iskala u n-numru ta' istituzzjonijiet residenzjali eżistenti ma jistax jitnaqqas qabel ma jkun hemm soluzzjonijiet bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja li huma bbażati fil-komunità. Għandha tiġi pprovduta strateġija ċara u b'saħħitha biex jiġu żviluppati servizzi moderni ta' kwalità għolja bbażati fil-komunità u biex jiżdied l-appoġġ għal dawk li jipprovdu l-kura, speċjalment dawk li jieħdu ħsieb il-familja. B'mod partikolari, l-enfasi għandha tkun fuq il-ħolqien u l-estensjoni ta' opportunitajiet għal ħajja indipendenti u attiva billi tingħata prijorità lil aktar għoti ta' setgħa lin-nies fl-oqsma rilevanti kollha. Il-bqija tal-istituzzjonijiet residenzjali għandhom jappoġġaw l-awtonomija tar-residenti, jipprovdu kura personalizzata ta' kwalità għolja u jieħdu ħsieb b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' persuni dipendenti li għalihom il-kura bbażata fil-komunità mhijiex l-għażla preferuta. Hu essenzjali li jiġu żgurati s-sikurezza, id-dinjità u ambjent nondiskriminatorju fil-kuntesti kollha fejn tingħata l-kura;
10. Jeħtieġ li d-dimensjoni tas-sessi tiġi indirizzata sistematikament fil-qasam tal-għixien indipendenti u l-kura u l-appoġġ ibbażati fil-komunità. Minn naħa, peress li parti sostanzjali tal-kura tingħata minn persuni li jieħdu ħsieb il-familja informalment, l-iktar nisa, huwa importanti li jiġi żgurat rikonossiment usa' ta' xogħol ta' kura mhux imħallas. Għandu jingħata wkoll appoġġ għal rikonċiljazzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet ta' kura u x-xogħol imħallas tul il-ħajja kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa għal aktar qsim ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejniethom. Min-naħa l-oħra, hemm ħtieġa li niġġieldu l-qabża fil-pagi bejn is-sessi u l-isterjotipar tas-sessi f'impjiegi mħallsa, sabiex, pereżempju, aktar irġiel jiġu mħeġġa jaħdmu fis-settur tal-kura;

11. L-innovazzjoni, fost l-oħrajn soluzzjonijiet tal-ICT, għandha tintuża biex ittejjeb il-kwalità tal-kura u l-appoġġ ibbażati fil-komunità. Madankollu, soluzzjonijiet ġodda u kreattivi ma għandhomx neċessarjament ikunu bbażati fuq l-innovazzjoni teknoloġika. Jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq l-innovazzjonijiet soċjali bħall-ħolqien konġunt, l-ekonomija kollaborattiva u tfassil iċċentrat fuq il-persuni ta' servizz;
12. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) jagħtu kontribut importanti għall-implimentazzjoni ta' riformi. Huma jappoġġaw l-ekonomija soċjali u jiżguraw implimentazzjoni iżjed effettiva tal-politika. Il-perijodu ta' programmazzjoni 2014–2020 joffri opportunità eċċezzjonali għall-promozzjoni ta' użu aktar iffokat tal-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-appoġġ tat-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-komunità taħt l-oġettiv tematiku tal-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar. F'dan il-kuntest, diversi Stati Membri pprogrammaw alternattivi ta' politika rispettivi skont l-aktar prijoritajiet ta' investiment rilevanti;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI

13. Tippromwovi d-diskussjoni, tiggwida riflessjoni fil-fond dwar l-aktar kwistjonijiet topiċi b'rabta mat-transizzjoni lejn servizzi bbażati fil-komunità u tiffaċilita l-implimentazzjoni prattika tal-Linji Gwida Komuni Ewropej dwar it-Transizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità u ta' Għodod dwar l-Użu tal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għal dan il-għan;
14. Tkompli ttejjeb l-iskambju ta' soluzzjonijiet innovattivi u bbażati fuq l-evidenza, prattiki li jippromettu u għarfien espert bejn l-Istati Membri, esperti u s-soċjetà ċivili sabiex jestendu l-għoti ta' servizzi bbażati fil-komunità;
15. Tkompli bil-ħidma analitika tagħha dwar l-unitajiet domestiċi kollettivi u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Eurostat jeżaminaw il-possibbiltà li fl-istudji pilota tal-Eurostat tiġi inkluża l-analiżi tal-fattibbiltà tal-inklużjoni ta' unitajiet domestiċi kollettivi fl-istħarriġ jew sorsi ta' data xierqa oħra, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u r-riżorsi;

16. Tkompli tappoġġa t-tnedija ta' riformi strutturali u l-ittestjar ta' mudelli u għodod ġodda ta' għoti ta' kura permezz ta', pereżempju, il-finanzjament ta' innovazzjonijiet u negozji ġodda li jħaffu l-iżvilupp ta' kura u appoġġ ibbażati fil-komunità u jrawmu opportunitajiet għal għixien indipendenti permezz tal-użu tal-FSIE, il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) u skemi ta' finanzjament xierqa oħra (eż. il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u Orizzont 2020);

- **JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud ta' sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi,**

17. Jagħtu bidu għal dibattitu pubbliku miftuħ dwar iż-żieda fid-disponibbiltà ta' għażliet ta' kura u appoġġ ibbażati fil-komunità biex titqajjem kuxjenza pubblika, u regolarment jissorveljaw bidliet fl-opinjoni pubblika. Jinvolvu ruħhom b'mod attiv fid-dibattitu pubbliku li jinvolvi l-mezzi tax-xandir, l-esperti, is-soċjetà ċivili, il-komunitajiet u l-gruppi fil-mira, iħeġġu hídma mal-komunitajiet lokali sabiex jiġu eliminati l-istigma u t-tabù, jindirizzaw ir-riskji magħrufa, jiksbu qbil komuni u rispett reċiproku, u jħejju lill-partijiet ikkonċernati kollha għall-iżvilupp u t-titjib ta' servizzi bbażati fil-komunità;

18. Isegwu mill-qrib il-monitoraġġ tal-użu tal-ESIF u mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE rilevanti oħrajn sabiex tiġi inkoraġġita t-transizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fil-komunità;

- **JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet speċifiċi tagħhom, BIE**

19. Jieħdu passi, kif xieraq, biex inaqqsu d-dipendenza fuq soluzzjonijiet ta' kura istituzzjonali, jiżviluppaw approċċ għal għajxien indipendenti fil-kuntatti kollha fejn tingħata l-kura u jħaffu t-transizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità billi jinkoraġġixxu u jippromwovu għajxien ibbażat fid-dar u l-għoti ta' appoġġ ta' kwalità għolja, u billi jiżguraw l-involvement akbar tal-persuni kkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

20. Itejbu l-iżvilupp ta' servizzi bbażati fil-komunità skont il-ħtiġijiet tal-persuni kkonċernati u l-ambjent immedjat tagħhom;
21. Ikomplu jagħtu setgħa lill-awtoritajiet responsabbli tagħhom li jiżviluppaw appoġġ innovattiv imfassal apposta, ibbażat fuq valutazzjonijiet xierqa tal-ħtiġijiet, u filwaqt li jqisu l-istennijiet tal-persuni kkonċernati kif ukoll tal-familji tagħhom fit-tfassil u l-għoti ta' servizzi. Dan jinkludi l-għoti tad-dritt li wieħed jagħżel il-fornitur tas-servizz u kif tingħata l-kura minn fost firxa ta' għażliet;
22. Ikomplu jappoġġaw l-istabbiliment u d-disponibbiltà tal-qafas regolatorju, l-infrastruttura, il-persunal kwalifikat u s-servizzi meħtieġa li jippermettu ħajja indipendenti. L-investimenti fit-taħriġ, ambjenti sikuri fuq ix-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa huma ta' importanza kruċjali għal dawk li jipprovdu l-kura li jipprovdu appoġġ u kura bbażati fil-komunità kif ukoll li jaħdmu f'istituzzjonijiet residenzjali;
23. Jinvolvu aħjar u jagħtu s-setgħa lill-komunitajiet fit-tfassil u l-għoti ta' miżuri politiċi permezz ta', pereżempju, l-użu ta' soluzzjonijiet intelliġenti bħal ekonomija maqsuma, u joħlqu sinerġiji bejn oqsma ta' politika differenti sabiex jinkisbu aktar kosteffettività u sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien;
24. Filwaqt li jżommu f'moħħhom id-dinja tax-xogħol li dejjem qed tinbidel, jippromwovu aktar opportunitajiet edukattivi u ta' impjieg għal persuni li ħadmu f'istituzzjonijiet ta' kura residenzjali, u jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-impjegi u l-ħiliet fi ħdan is-settur tas-servizzi tal-kura. Taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet xierqa għal speċjalisti li jaħdmu f'istituzzjonijiet ta' kura residenzjali kif ukoll permezz ta' taħriġ xieraq għal dawk li jagħtu l-kura li jipprovdu appoġġ u kura barra l-istituzzjonijiet huma meħtieġa biex jgħinu t-transizzjoni għal forom ġodda ta' xogħol fil-kuntest ta' kura bbażata fil-komunità;
25. Fejn ikun possibbli, jiġbru data komparabbli, maqsuma skont is-servizzi pprovduti jew il-ħtieġa speċjali, ir-raġuni tas-soġġorn, l-età u s-sess, fuq l-għadd ta' persuni li jgħixu f'tipi differenti ta' istituzzjonijiet residenzjali jew li jirċievu forom oħrajn ta' kura;

- **JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX**

26. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, ikompli jiffaċilita u jistimula l-għbir u l-qsim ta' ideat, għarfien espert, esperjenzi u prattika promettenti fil-mixja lejn appoġġ u kura bbażati fil-komunità fi ħdan il-qafas tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali;
27. Jorganizza rieżamijiet tematiċi tal-iżviluppi pożittivi u r-riżultati miksuba fil-mixja lejn appoġġ ibbażat fil-komunità u għażliet ta' appoġġ li jkunu disponibbli, inkluż fi ħdan l-Evalwazzjoni bejn il-Pari fil-Programm għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali;
28. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Indikaturi tas-Sotto-Grupp tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, jiddetermina l-oqsma ta' impatt ewlenin, jagħti bidu għad-diskussjoni u jesplora l-possibbiltà ta' żvilupp ta' indikaturi komuni xierqa għad-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-għoti ta' kura fit-tul f'forom differenti ta' kura.

REFERENZI**Unjoni Ewropea**

- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391);
- Strateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (EUCO 13/10);
- Il-qafas legiſlattiv tal-FSIE, b'mod partikolari r-Regolamenti Nru 1303/2013 (CPR), 1304/2013 (FSE) u 1301/2013 (FEŻR), ĠU 347 tal-20/12/2013;
- Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali 2017-2020 (PE-CONS 8/17);
- Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali².

Il-Kunsill

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tixjiħ Dinjituż (15955/09);
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar Qafas Ewropew ġdid dwar id-Diżabbiltà (10173/10);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà 2010-2020 (11843/11);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benessri Mentali: riżultati u azzjoni futura (ĠU C 202, 8.7. 2011, p. 1);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Governanza Soċjali għal Ewropa inklużiva (15070/15);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ Integrat għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (10434/16);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċellerar tal-Proċess ta' Integrazzjoni tar-Rom (15406/16);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti (10085/17).

² https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_en.pdf

Kummissjoni

- Proċess ta' white paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa - Id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa (8717/17), Il-Ġestjoni tal-Globalizzazzjoni (9075/17), L-Approfondiment tal-UEM (9940/17);
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (2013/112/UE);
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: 'Inqisu r-Rakkomandazzjoni tal-2013 dwar "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" (8712/17);
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Pakkett ta' Investiment Soċjali, Il-kura fit-tul f'soċjetajiet li qed jixjieħu - Sfidi u għażliet ta' politika (SWD(2013) 41 finali);
- Strateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakli (COM(2010) 636 final).

Oħrajn

- Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCPRD).
- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB);
- Linji Gwida Komuni Ewropej dwar it-Transizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità u Toolkit dwar l-Użu tal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għal dan il-għan (2012);
- Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, Kumment Ġenerali dwar l-Artikolu 19: Għixien indipendenti u inklużjoni fil-komunità, 29 ta' Awwissu 2017;
- Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
- Princijpi tan-Nazzjonijiet Uniti għal Persuni Akbar fl-Età (1991);
- Grupp ta' Esperti Ewropew dwar it-Transizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità (GEE);
- Rapport tal-Grupp ta' Esperti Adhoc dwar it-Transizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità (2012);
- Network Ewropew dwar Għajxien Indipendenti (ENIL);
- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali "Mill-Istituzzjonijiet għall-Ħajja fil-Komunità", Parti I — impenji u strutturi, Parti II — finanzjament u bbaġitjar, Parti III — riżultati għal persuni b'diżabbiltà (2017);
- Konklużjonijiet dwar ir-riżultati tal-konferenza "Dignity + Independent living = DI" (12-13 ta' Ottubru, Tallinn, l-Estonja)³.

³ http://www.sm.ee/sites/default/files/content-editors/Ministeerium_kontaktid/Ministeeriumi_tutvustus_ja_struktuur/conference_conclusions.pdf